**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN**
**Nru. 05/02/2014**
***Kienet addottata Aġenda nru. 05/2014***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 18 ta' Novembru 2014**

**Ħin: Fis-5.45 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Martin Cefai – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba –** ***Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Viċi Chairperson is-Sur Frank Fenech u s-Sinjura Sandra Grech kienu assenti.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 04/2014

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 04/2014 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.
Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 04/2014

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 04/2014.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra ta' approvazzjoni mibgħuta minn Transport Malta biex jinżebgħu l-*parking bays* fi Triq il-Plejju, f' dik il-parti tat-triq li tiġi taħt Triq ix-Xagħra.

Komunikat mibgħut mill-Ministeru għal Għawdex dwar il-*bouncing castle* li jintrama fil-Menqa fis-sajf.

Memo tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Iskema inizjattivi ta' attivitajiet 2014 – 2015.

Ittra mibgħuta minn James Said dwar il-permess tal-*bumping cars* u biex il-Kumitat jikkunsidra d-deċiżjoni li kien ħa u minflok jarma bħas-soltu, il-barra mill-kamra tad-drenaġġ.

| **Applikazzjoni għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|
| (i) Mellos Bar & Grill<br>Għal attivita` 'Band' nhar it-13 ta' Diċembru 2014 fi Triq il-Wied (Triq il-Wied tingħalaq għat-traffiku). | Rifjutata – Triq il-Port magħluqa għat-traffiku u m' hemmx triq alternattiva. |

## 5. PAVIMENTAR – TRIQ ULISSE

Il-Kumitat qabel li jinqalgħu u jsiru mill-ġdid bil-porfido l-bankini ta' Triq Ulisse. Il-proġett ikun finanzjat mill-UIF tal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Ġie deċiż li l-Perit jintalab joħroġ stima tax-xogħol.

## 6. MILIED 2014

Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet l-envelopp issiġillat bil-kwotazzjonijiet mitfugħa għal kiri u installazzjoni ta' tiżjin bi dwal f' Marsalforn. Kienet mitfugħa kwotazzjoni waħda. Il-kwotazzjoni kienet tal-Għaqda Armar Santa Marija għall-prezz ta' €1,800. Il-Kumitat approva l-kwotazzjoni tal-Għaqda Armar Sta Marija. Iċ-Chairperson qalet importanti li d-dawl ikun kulurit.

Iċ-Chairperson ipproponiet li minflok jingħata kejk lil kull anzjan fil-lokalita`, jingħata kejk lil kull familja. Il-Kumitat qabel mal-proposta taċ-Chairperson.

Ġie deċiż li jsir kalendarju wieħed għaż-Żebbuġ u Marsalforn.

## 7. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. KAM 34/2014 – George Sacco**
Talab biex isir xogħol ta' traqqiegħ fil-Menqa. Il-Kumitat approva x-xogħol ta' traqqiegħ u jsir mill-*handyman*.

**Nru. KAM 35/2014 – iċ-Chairperson Marija Saliba**
Biex issir rampa għall-persuni b' diżabilita` quddiem il-Kappella ta' Sant' Antnin fi Triq Santa Marija. Il-Kumitat approva li ssir rampa.
Isir poġġaman fit-taraġ li mill-Menqa jagħti għal Triq Għar Qawqla. Talba approvata u jsir minn Ta' Gam Gam Services.

**Nru. KAM 36/2014 – is-Sindku Nicky Saliba**
Isir traqqiegħ bil-*cold asphalt* ta' qagħda fi Triq il-Qbajjar. Ġie deċiż li jsir traqqiegħ bis-siment u jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.
Biex jinżabru s-siġar tal-*car park* ta' Marsalforn. It-talba ser tgħaddi lit-Taqsima tal-Agrikoltura.

## 8. MATERJA OĦRA

Is-Sindku ppropona biex fil-*parking area* ta' wara l-latrina pubblika, isiru sinjali tat-traffiku mal-art biex ma jsirx *parking* fin-nofs. Kien hemm qbil mal-proposta tas-Sindku.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija.  Il-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***